MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 3030/1996/1

Carmel Mangion
vs
Direttur tar-Registru Pubbliku, Joseph Borg u Mary Borg li b'digriet tat-2 ta' Settembru 1998 giet nominata kuratrici deputata biex tirrapprezenta l-minuri Toya u Yves ahwa Borg

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Peress illi fid-29 ta' Settembru 1988 u fil-25 ta' Marzu 1995 rispettivament twieldu Toya u Yves ahwa Borg minn Mary Borg nee` Muscat, liema zewg ulied huma indikati wkoll bhala ulied il-konvenut Joseph Borg fl-atti tat-twelid taghhom (Dok A u B).

U peress li l-imsemmija zewg ulied minuri huma l-wild naturali tal-attur u mhux tal-konvenut Joseph Borg kif erronjament indikat fl-imsemmija att tat-twelid.

U peress li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tal-14 ta' Ottubru 1996 (Dok C), l-attur irrikonoxxa lill-imsemmija zewg ulied minuri bhala l-wild naturali tieghu u tal-imsemmija Mary Borg nee` Muscat.

U peress li l-attur irid li minflok isem il-konvenut Joseph Borg fl-imsemmija atti tat-twelid jigi sostitwit b'ismu bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri.

L-attur talab lill-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Toya u Yves maghrufin bhala ahwa Borg;

Tordna li l-paternita` tal-attur Carmel Mangion tigi debitament rikonoxxuta fl-atti tat-twelid tal-imsemmija minuri Toya (numru 4755/88) u Yves (numru 1515/95) billi isem Joseph Borg jigi sostitwit b'isem l-attur u kunjom il-minuri kif registrat fl-imsemmija atti tat-twelid jigi sostitwit bil-kunjom Mangion.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Rat in-nomina ta' Christopher Farrugia tad-29 ta' Jannar, 2003.

Rat il-konkluzjoni ta' l-espert Forensiku Mr Christopher Farrugia.

Mir-rizultati miksuba bl-ebda mod ma jista’ jigi eskluz li l-missier Carmel Mangion m’huwiex il-missier biologiku ta’ Toyah u Yves.

Il-probabilita` (likelihood ratio) li Carmel Mangion hu l-missier naturali tal-wild Toya u Yves hi ta’ 99.9%

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jidher li t-talba tal-attur tidher gustifikata. L-attur fid-dikjarazzjoni guramentata ddikjara li hu rrikonoxxa lill-imsemmija Toya u Yves ahwa Borg bhala l-wild naturali tieghu u tal-imsemmija Mary Borg nee’ Muscat. Il-probabilita` (likelihood ratio) li Carmel Mangion hu l-missier naturali tal-wild Toya u Yves hi ta’ 99.9%. Eccezzjonijiet ma gewx moghtija. It-talba attrici tidher gustifikata.

Ghal dawn il-motivi tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Toya u Yves maghrufin bhala ahwa Borg; u tordna li l-paternita` tal-attur Carmel Mangion tigi debitament rikonoxxuta fl-atti tat-twelid tal-imsemmija minuri Toya (numru 4755/88) u Yves (numru 1515/95) billi isem Joseph Borg jigi sostitwit b’isem l-attur u kunjom il-minuri kif registrat fl-imsemmija atti tat-twelid jigi sostitwit bil-kunjom Mangion. Tordna n-notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Spejjez a karigu ta’ Carmel Mangion.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------